MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 48/2005

Mary Ann mart Emanuel Terribile u l-istess Emanuel Terribile bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu

vs

Carmel Agius, Ursola mart Francis Buttigieg u l-istess Francis Buttigieg.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li tghid:

Illi b'citazzjoni pprezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali l-atturi wara li ppremettew illi fis-7 ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) l-attrici Mary Ann Terribile kienet riekba bhala front passenger fil-vettura

Skoda numru F-7616, misjuqa mill-konvenuta Ursola Buttigieg, u dana fil-waqt li kienu hergin mit-triq ta' Ta' Pinu limiti tal-Gharb, Ghawdex, fid-direzzjoni ta' Victoria;

Illi fid-daqqa u l-hin l-vettura misjuqa minn Ursola Buttigieg habtet ma' Truck Dodge numru C-9447 ipparkjat mill-konvenut l-iehor Carmel Agius mal-gemb tat-triq f'dik il-parti fejn it-triq hi dejqa u milwija, u ghalhekk l-istess truck kien qieghed jaghlaq il-karreggjata ta' l-utenti tat-triq li kienu hergin mid-direzzjoni tal-knisja Ta' Pinu, lejn id-direzzjoni ta' Victoria;

Illi mal-habta l-imsemmija Ursola Buttigieg intilfet minn sensiha, tilfet il-kontroll tal-vettura, li spiccat maqluba f'ghalqa ma' genb u taht il-livell tat-triq;

Illi l-incident imsemmi gara unikament minhabba n-negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti, jew ta' min minnhom;

Illi l-atturi debitament interpellaw lill-konvenuti sabiex jaddivjenu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' kumpens dovut lill-atturi bhala hsara li garbet l-attrici Mary Ann Terribile fuq il-persuna taghha kif ukoll in-nuqqas ta' qliegh li tilfet jew sejra titlef minhabba dan l-incident, izda dawn baqghu inadempjenti;

Talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli ta' l-incident stradali fuq imsemmi u ghalhekk ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

2. tillikwida, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, l-kumpens dovut lill-atturi kif fuq inghad;

3. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihalsu lill-atturi l-ammont ta' kumpens hekk likwidat;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 1992 kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa mharkin ghas-subizzjoni;

Illi b'nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Ursola Buttigieg u Francis Buttigieg huma eccepew:

1. illi ghall-incident huwa responsabbli l-konvenut l-iehor Carmel Agius billi kien dan li halla t-truck Dodge numru C-9447 ipparkjat hazin b'mod illi ghalaq il-karreggjata tal-konvenuta eccipjenti fid-dlam u f'parti tat-triq fejn minhabba liwja li kien hemm kwalunkwe ostakolu fil-karreggjata jiehu lis-sewwieq sorpriza kif gara fl-incident in kwistjoni;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Illi b'nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel Agius huwa eccepixxa:

1. illi huwa qieghed jikkontesta bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt it-talbiet attrici u dan ghaliex huwa bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident li wassal ghal din il-kawza;

2. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali tas-6 ta' Lulju 2004 dik l-istess Qorti iddecidiet billi:

1. fil-konfront ta' l-ewwel talba tiddikjara l-konvenuta Buttigieg responsabbli kwantu ghal hamsin fil-mija ghall-incident;

2. kwantu t-talbiet l-ohra tillikwida l-ammont dovut bhala kumpens lill-attrici fis-somma ta' hames mija u disa' u disghin liri maltin (Lm599) u tikkundanna lill-konvenuta Buttigieg thallas lill-attrici l-ammont ta' tliet mitt lira maltin (Lm300);

3. tichad it-talbiet ta’ l-attrici fil-konfront tal-konvenut Carmel Agius;

Ghal dawk li huma spejjez gudizzjarji l-konvenuta Buttigieg ghandha thallas nofs l-ispejjez izda eskluzi dawk tal-konvenut l-iehor Carmel Agius li ghandhom jibqghu a karigu ta’ l-attrici li ghandha ssofri l-ispejjez l-ohra kollha;

Illi s-sentenza fuq imsemmija hija rizultat ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 811 inciz (i) tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili, Kap 12, peress illi l-imsemmija sentenza taghti interpretazzjoni zbaljata ta’ x’kienet il-kawza prossima ta’ l-incident stradali u b’hekk biddlet il-piz tar-responsabilita’ min fuq persuna ghal ohra, b’tali mod illi ezonerat lis-sewwieq tat-truck li ddeposita l-vettura f’post perikuluz u akkolat il-htija lil min uza bil-prudenza kollha f’dak li kien qed jaghmel. B’hekk l-atturi gew skoperti fit-tficcija tar-responsabbilita’ kif ukoll fl-esekuzzjoni tal-kwantum li hu dovut lilhom bhala rizultat ta’ dan l-incident;

Talbu ghalhekk ghaliex m’ghandhiex il-Qorti:

1. tirrevoka u tirrexxindi s-sentenza taghha tas-6 ta’ Lulju 2004 moghtija fil-gudizzju citazzjoni numru 40/1992 fl-ismijiet Mary Ann Terribile mart Emanuel Terribile u l-istess Emanuel Terribile bhala kap tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu vs Carmel Agius, Ursula mart Francis Buttigieg u l-istess Francis Buttigieg;

2. tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Ursola mart Francis Buttigieg u l-istess Francis Buttigieg li eccepew:

1. illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex fl-ewwel lok ic-citazzjoni odjerna ma gietx prezentata entro t-terminu ta' tliet xhur mid-data tas-sentenza impunjata skond kif jitlob l-Artikolu 818(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-kaz odjern, ma jissusistux l-elementi rikjesti mil-ligi fl-Artikolu 811(1) sabiex ikun jista' jitqies illi hemm zball ta' fatt' illi jaghti lok ghar-ritrattazzjoni. Dak l-artikolu jaghmilha cara illi "jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza jew fuq is-supposizzjoni li ma jesistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita posittivament, basta li fil-kaz il-wiehed u l-iehor il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz fis-sentenza". Issa l-atturi nfushom fic-citazzjoni promossa minnhom jghidu illi s-sentenza impunjata "taghti interpretazzjoni zbaljata ta' x'kienet il-kawza prossima ta' l-incident stradali". U x'kienet il-kawza prossima tal-incident stradali u r-responsabbilita' rispettiva tal-partijiet kien proprju l-pern tal-kwistjoni illi kienet kontestata fl-ewwel gudizzju, kontestazzjoni illi gie deciz fis-sentenza impunjata;

3. ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi;

4. salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-dikarazzjoni guramentata annessa flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel Agius li eccepixxa:

1. preliminarjament, li l-atturi ddekadew mid-dritt taghhom li jipproponu l-azzjoni minnhom promossa ghat-tenur ta' paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 818

tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fil-meritu, li r-raguni li fuqha l-atturi qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ghar-ritrattazzjoni, u cjoe’ li din il-Qorti tat interpretazzjoni zbaljata ta’ x’kienet il-kawza prossima tal-incident stradali u b’hekk biddlet il-piz tar-responsabbilita’ minn fuq persuna ghal fuq ohra b’tali mod li ezonerat lis-sewwieq tat-truck li ddepozita l-vettura f’post perikoluz u akkolat il-htija lil min uza bil- prudenza kollha f’dak li kien qieghed jaghmel, hija raguni li ma tippermettix li kawza deciza tigi ritrattata izda *se mai* li tigi appellata, haga li l-atturi m’ghamlux;

3. fil-meritu, ukoll jinghad li r-raguni li fuqha l-atturi qeghdin jibbazaw it-talba taghhom ghar-ritrattazzjoni ma tinkwadrax ruhha fir-raguni msemmija f’paragrafu (1) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili ghad illi l-izball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza jrid ikun skond dak dispost fl-istess paragrafu (1) tal-Artikolu 811 tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili, u cjoe’ zball konsistenti fuq supposizzjonijiet ta’ xi fatt li l-verita’ tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza jew fuq supposizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita’ tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza jew fuq supposizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita’ tkun stabbilita posittivament. Interpretazzjoni ta’ x’kienet il-kawza prossima ta’ l-incident ma tikkostitwix suppozizzjoni ta’ fatt mhux veru jew il-mankata supposizzjoni ta’ fatt li huwa veru;

4. salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-verbal tal-1 ta’ Gunju 2006 li fih il-kawza thalliet ghas-sentenza “fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet”;

Ikkonsidrat:

Il-kawza hija wahda ta’ ritrattazzjoni minn sentenza ta’ din il-Qorti tas-6 ta’ Lulju 2004. Il-bazi guridika taghha hija mpernjata fuq li “s-sentenza kienet effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza” ai termini tas-subartikolu (l) tal-Artikolu 811 tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili – Kap 12.

Il-konvenuti jopponu r-ritrattazzjoni u joffru eccezzjonijiet konsimili. Jeccepixxu d-dekadenza tad-dritt  ta’ l-atturi li jipproponu l-kawza fuq li jghid l-Artikolu 818 tac-citat Kap 12 u wkoll li ‘l-izball’ reklamat mill-atturi, kostitwenti l-bazi guridika tat-talba taghhom, ma jinkwadrax fil-proviso tal-Artikolu 811(l) tac-citat Kap, cjoe’, li hu (l-izball) m’huwiex bbazat fuq  “is-supposizzjoni ta’ xi fatt li l-verita’ tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita’ tieghu tkun stabbilita posittivament, basta, li fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza”.

Issa fil-verbal tal-1 ta’ Gunju 2006, li sar referenza ghaih fil-preambolu, intqal illi “iz-zewg eccezzjonijiet huma ta’ indoli strettament legali” u konsegwentement il-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza “fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet”. Dan ma huwiex strettament korrett billi z-zewg eccezzjonijiet, konsimili u rispettivi tal-konvenuti, jiddiferenzjaw minn xulxin billi fil-waqt li l-ewwel eccezzjoni hija ta’ natura preliminari u perentorja, it-tieni tincidi fuq il-meritu u tinhtieg ezami aktar approfondit. Jibqa’ pero’ assodat li f’kaz li l-ewwel eccezzjoni tirnexxi allura l-kawza titlef l-iskop taghha ghaliex tkun guridikament improponibbli.

Illi ghalhekk li s-sentenza odjerna ser tiffoka u tigi ndirizzata biss u esklussivament billi ser titratta l-ewwel

eccezzjoni, ossija, dik li l-konvenuti ssollevaw ai termini tal-Artikolu 818 tal-Kap 12.

Dan l-Artikolu jaqra hekk:

(1) Iz-zmien li fih tista' ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jghodd:

(a) fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafi (a) u (k) tal-artikolu 811, mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq, jew jinsab id-dokument;

(b) fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (b), mill-gurnata li fiha l-attur ikun gie jaf bis-sentenza;

(c) fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafu (j), jekk il-falsita' tkun, fuq talba jew kwerela ta' l-istess attur, giet iddikjarata wara s-sentenza attakkata, mill-gurnata ta' dik id-dikjarazzjoni, u jekk tkun giet iddikjarata wara dik is-sentenza, izda fuq talba jew kwerela ta' haddiehor, jew jekk tkun giet iddikjarata qabel, mill-gurnata li l-attur ikun gie jaf b'dik id-dikjarazzjoni;

(d) f'kull kaz iehor, minn dak in-nhar tas-sentenza attakkata.

Illi huwa manifest mic-citazzjoni ta' l-atturi li l-bazi ghar-ritrattazzjoni huwa s-sub-inciz (l) tal-Artikolu 811 li ai termini tal-Artikolu 818 appena citat huwa assoggettat ghat-terminu ta' tliet xhur "minn dak in-nhar tas-sentenza attakkata". It-terminu ta' tliet xhur hu wiehed perentorju u ta' dekadenza. Mill-atti jirrizulta li s-sentenza li l-atturi talbu li tigi ritrattata hija dik tas-6 ta' Lulju 2004 u palesement oltre it-tliet xhur li fihom huma kellhom jesperixxu l-azzjoni. Ghalhekk iddekadew mid-dritt li jipproponu din il-kawza ta' ritrattazzjoni.

Inghad dan ghahlekk qeghdha f'dan l-istadju din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni rispettiva fiz-zewg noti ta' eccezzjonijiet, tiddikjara l-azzjoni perenta

fil-konfront tal-istess konvenuti, u fir-rigward l-ispejjez tal-kawza tiddeciedi li ghandhom jkunu a spejjez tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------